# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦALLMUNA



Ħafna għadhom qegħdin jitkellmu fuq is-suċċess tal-laqgħa taż-żgħażagħ f'Lisbona, fil-Portugall. Ħadu sehem xi miljun u nofs żagħżugħ u żagħżugħa. X'kien il-messaġġ li wassal il-Papa liż-żgħażagħ? Qalilhom li rridu niltaqgħu ma' xulxin, ma' Kristu. Irridu naraw lil Kristu fl-oħrajn. Kristu għandu jkun bħal kalamita li tiġbidna lejH.

Il-ħajja ta' Kristu għandha tiġbidna lejh. Il-Kelma u l-parabboli ta' Kristu jiġbduna għax huma dejjem relevanti. Biex tkun taf lil Kristu trid tersaq lejH.

Għeżież ġenituri u edukaturi, dalwaqt nirrankaw għall-iskola u l-attivitajiet l-oħrajn kollha tat-tfal. Tinsewx: il-Knisja teżisti biex twassal lil Kristu fil-ħajja tan-nies.
Il-Ġimgħa fiha sebat ijiem u 168 siegħa. Għandu jkollna u żgur li nistgħu nsibu 45 minuta għall-quddiesa, biex niltaqgħu ma' Kristu ħaj u veru.
6

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**L-AVVIŻI:**

**IL-KUNSILL LOKALI:** javża li d-Day Centre tal-anzjani se jerġa' jiftaħ fil-5 ta' Settembru. Jiltaqa' fis-Sala Parrokkjali fit-8:30am u bħas-soltu t-trasport ikun provdut.

**IL-MIXJA TAT-TĦEJJIJA GĦAŻ-ŻWIEĠ NISRANI:** Il-koppji għarajjes li jixtiequ jibdew jattendu, jew ikomplu l-mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja huma mħeġġa japplikaw. Infakkru lill-koppji li jixtiequ jiżżewġu fil-Knisja li jeħtiġilhom itemmu dawn is-sentejn ta' formazzjoni qabel ma jiċċelebraw is-sagrament taż-żwieġ. Inħeġġu lill-għarajjes u namrati f'relazzjoni stabbli biex jattendu għal dawn il-laqgħat, anke jekk għadhom ma ddeċidewx id-data taż-żwieġ tagħhom. Ser ikunu qed jinżammu wkoll laqgħat f'Malta għal dawk l-għarajjes li jistudjaw jew jaħdmu Malta u ma jistgħux jattendu għal-laqgħat f'Għawdex. L-ewwel laqgħa f'Malta din is-sena se ssir nhar il-Ħamis 28 ta' Settembru fis-7:00pm, f'Dar San Ġużepp Sta Venera. L-għarajjes li ser ikunu qed jattendu għat-tieni sena ta' din il-mixja ta' formazzjoni xorta jridu japplikaw.




**ROKNA EKOLOĠIKA: Ħarsien u Kura**

Il-bniedem għandu intelliġenza bizzejjed biex jgħix hu u jibża' għar-riżorsi u l-ħlejjaq ħajjin. Imma jekk se noqogħdu npaċpċu mingħajr ma nagħtu kas tal-previżjonijiet, nirriskjaw li għada wliedna jgħixu f'deżert.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am(bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am